MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 158/2004

**BDS Limited**
**Vs**
**Sovereign Hotels Limited**

**Il-Qorti**,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet: illi s-socjeta attrici skond tmitax (18) il-kambjala li kopja taghha qed tigi mmarkata bhala Dok A u li l-originali taghhom sejrin jigu esebiti waqt il-kawz, tinsab kreditur tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' sitt telf, tmien mija u ghoxrin Lira Maltin u disa u hamsin centezimi, (LM 6820.59); illi dawn il-kambjaliet skadew izda baqa ma thallsur u dana nonostante li l-konvenuti nominee gew interpellati diversi drabi sabiex jhallsu dan l-amont; peress illi jeziztu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur tal-Art. 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tal-attur nomine

huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta attrici, l-konvenuti nomine ma' ghandhomx l-ebda raguni jew eccezzjoni valida x'jghamel f'din il-kawza.

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta: ghaliex ma' ghandhiex dina l-Qorti tikkundannha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt telf, tmien mija u ghoxrin Lira Maltin u disa u hamsin centezimi, (LM 6820.59) dovuti skond kambjaliet kif fuq intqal u ghar-ragunijiet premessi, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-23 ta' Frar 2004 u ta' Mandat ta' Sekwestru Nru. 374 / 2004 ippresentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni, kontra s-socjeta konvenuta li tibqa minn issa nguna ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess socjeta konvenuta mid-data ta' lis-skadenza ta' kull kambjala.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deheret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------